MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 170/2008

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' The Polo/Lauren Company, L.P., socjeta' estera registrata fl-Istat ta' New York (Stati Uniti tal-Amerika), b'indirizz ta' 650 Madison Avenue, New York, New York 10022, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'digriet tad-9 ta' April, 2008 nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil STUMAR P/C ETS H B A, ta' Route du Port, Rades 2040, Tunezija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fit-18 ta' Frar, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' attrici The Polo/Lauren Company, L.P., maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' artikli ta' lbies (qomos), hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni ma' l-istess negozju;

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* f'Malta it-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 15841 – POLO BY RALPH LAUREN, 15842 (kliem "Ralph" u "Lauren" separati b'disinn ta' plejer tal-*polo*), 21893 (disinn ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel) u 32967 – POLO, u dan dwar qomos fost ohrajn;

Illi s-socjeta' attrici hija "*detentrici ta' dritt*" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414;

Illi recentement, waqt 1-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kap. 414, il-Kontrollur tad-Dwana sab li l-*container* INKU 2495739 kien fih, *inter alia,* kwantita' ta' qomos u materjal ta' ittikkettjar w ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel u fil-kliem "Ralph Lauren" (oltre ghall-kelma "Polo" fit-tikketti u fil-materjal ta' ippakkettjar) prezentati b'mod prominenti, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-4 ta' Frar 2008 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta'

dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana sussegwentement ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikat *STUMAR P/C ETS H B A,* b'indirizz ta' *ROUTE DU PORT, RADES 2040* (Tunezija);

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox tlett elef sebgha mija u ghoxrin (3720) oltre ghal materjal ta' ippakkettjar relattiv, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10 u 14 sa 19 tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416);

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-18 ta' Frar 2008 sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita' ta' qomos u materjal ta' ittikkettjar w ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali pprezentati b'mod prominenti, konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel u fil-kliem "Ralph Lauren" (oltre ghall-kelma "Polo" fit-tikketti u fil-materjal ta' ippakkettjar), liema oggetti jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* INKU 2495739

kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-Kontrollur tad-Dwana in materja, tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' April, 2008, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li *in forza* taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw risposta motivata kif u meta huma jigu edotti mill-fatti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kuratur deputat Dr Mark Busuttil iddikjara fil-Qorti illi kien kiteb lis-socjeta’ konvenuta fl-indirizz moghti lilu izda ma rceva l-ebda risposta;

Rat illi l-attur nomine iddikjara illi ma jaf bl-ebda indirizz iehor tas-socjeta’ konvenuta;

Rat illi l-Qorti giet awtorizzata mill-Avukati difensuri tal-partijiet biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi Dr Luigi Sansone huwa l-mandatarju specjali f’Malta tas-socjeta’ estera attrici The Polo/Lauren Company, L.P. ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki ta’ din is-socjeta’ f’Malta. Gara illi idahhlet konsenja f’Malta ta’ kwantita’ ta’ qomos u materjal ta’ ittikkettjar w ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali konsistenti f’rapprezentazzjoni ta’ plejer tal-*polo* fuq ziemel u fil-kliem “Ralph Lauren” (oltre ghall-kelma “Polo” fit-tikketti u fil-materjal ta’ ippakkettjar) prezentati b’mod prominenti f’container INKU 2495739 u il-Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta’ attrici b’din is-sejba fl-4 ta’ Frar 2008 sabiex isiru il-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

Illi s-socjeta’ attrici wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn kienu oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta’ intellettwali. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana sussegwentement ghadda lis-socjeta’ attrici kopja ta’ dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm

indikat *STUMAR P/C ETS H B A,* b'indirizz ta' *ROUTE DU PORT, RADES 2040* (Tunezija);

Illi l-Kontrollur tad-Dwana iddikjara bhala b'kollox tlett elef sebgha mija u ghoxrin (3720) oltre ghal materjal ta' ippakkettjar relattiv bhala oggetti mertu ta' din il-vertenza.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-18 ta' Frar 2008 sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Ikkunsidrat :

Illi George Agius, impjegat tad-Dwana bhala Spettur fis-sezzjoni tal-Infurzar opprezenta affidavit fejn iddikjara illi meta fetah il-container in kwistjoni sab flokkijiet hfief ta' l-irgiel ghas-sajf, kartieri, basktijiet ghan-nisa, qliezet ta' taht, malji tal-ghawm, zraben sportivi, arloggi ta' l-idejn, zraben, u xi affarijiet ohrajn. Fost il-merkanzija tal-container sabu ukoll flokkijiet hfief tal-irgiel ghas-sajf li kienu igorru fuqhom il-markji ta' Polo Ralph Lauren li dehru suspettuzi u ghalhekk zamm il-kontenut tal-container. Huwa iddikjara illi fost il-kunsinja totali kienu instabu tlett elef sebgha mija u ghoxrin (3720) flokk hafif ghas-sajf ta' l-irgiel.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur nomine esebixxa certifikat immarkat "Affidavit of Authenticity" a fol. 92 tal-process illi permezz tieghu Elwira Teresa Terebka, Coordinator International and Counterfeiting for Polo Ralph Lauren Corporation iddikjarat illi wara li ezaminat sample tal-Polo shirt ta' l-irgiel in kwistjoni iccerfitikat illi dan il-kampjun ma kienx prodott awtentiku ta' Polo Ralph Lauren peress illi il-labels kienu inkorretti u l-kostruzzjoni tal-Polo shirt in kwistjoni kienet ukoll inkorretta.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

1. il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

2. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija estera attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

3. illi d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

4. illi jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

5. it-talba tal-kumpannija estera attrici biex il-konsenja tal-polo shirts *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

6. il-falsita' tal-imsemmija polo shirts tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, illi l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi l-kumpannija estera attrici kellha ragun temmen illi l-polo shirts illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad

kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici u fir-rigward tat-tieni talba attrici tipprefiggi terminu ta’ hmistax il-gurnata tax-xoghol mill-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi il-polo shirts in kwistjoni.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ estera konvenuta, b’dan illi provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------